MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 385/2010

**A B C D**

**-vs-**

**E F sive G H**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B C D fejn dan, wara li ppremetta:

Illi r-rikorrent A B C D u l-intimata E F sive G H zzewgu fil-31 ta' Jannar, tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. HA1;

Illi l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-intimata eskludiet il-prolazzjoni tal-ulied;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar, tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finiijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19 (c) u 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li ghalkemm debitament notifikata, l-intimata ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega." ("**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**", (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar, 2006).

Jirrizulta illi r-rikorrent f'din il-kawza huwa Egizzjan u l-intimata Maltija. Wara ftit zmien li ltaqghu, izzewgu biex jittentaw isolvu l-problemi soliti li jiltaqghu maghhom barranin li la jkollhom permess biex jahdmu f'Malta u lanqas biex jibqghu fil-pajjiz. L-intimata pproponiet iz-zwieg hija stess, ghalkemm jirrizulta illi qatt ma kellha ebda intenzjoni tifforma familja mar-rikorrenti anzi hbiet minnu kemm l-intenzjoni taghha li qatt ma jkollha tfal kif ukoll il-gibdiet taghha ghal persuni tal-istess sess.

"*kif izzewwigna, G bdiet tinbidel ghaliex bdiet turini li qieghda timmissja l-hbieb taghha, specjalment lit-tfajliet u lili bdiet twarrabni. Aktar kien mohhha fil-hrug ma' shabha u fix-xalar ma' hbieb taghha nisa milli tqatta' l-hin mieghi. Bdejt ninduna li anke fl-intimita' taghna, G ma kinitx komda u kienet dejjem tinsisti li nuzaw il-kontracettivi biex zgur ma jkollniex tfal. Aktar m'ghadda z-zmien, G aktar bdiet tinsisti li ma tridx tfal ghaliex kienet tara lit-tfal bhala rabta. Meta kont nismaghha tghid dan il-kliem, kont nhewden fuq il-fatt li G kienet ingannatni ghaliex jien minn dejjem ridt it-tfal u hi ma qaltlix li ma riditx. Wara skoprejt li ma riditx tfal u li lili zzewgitni ghaliex riedet tahbi l-fatt li kienet tippreferi l-kumpanija tal-hbieb nisa taghha milli tieghi. Kien hawnhekk li jien ikkonfermajt is-suspetti tieghi cioe' illi G m'hix migbuda lejn l-irgiel izda lejn in-nisa. Kieku qaltli b'dan qabel iz-zwieg zgur li ma kontx nizzewwigha*".

Ghalhekk ir-rikorrenti jinvoka l-kawzali ta' qerq. Fix-xhieda taghha, l-intimata tikkonferma dan kollu:

"J*ien qatt ma ridt tfal ma' A izda dan jien ma ghidtulux qabel iz-zwieg. Nammetti ukoll li l-intimita' bejnietna kienet ta' bilfors u kont nuza l-protezzjoni biex zgur ma ninqabadx tqila. Malli zzewwigt mill-ewwel indunajt li ma kontx maqtugha ghaz-zwieg ghaliex il-hbieb tieghi kienu aktar importanti.*

*Jien infurmajt lil A li jien ma kelli l-ebda intenzjoni li nghix hajja ta' mizzewga u li jien aktar kien jinteressani mill-hbieb tieghi. Hu ma hax pjacir izda ftehmna li kien ahjar li*

*nghixu hajja separata. L-importanti kien li jien lil A ghintu sabiex jibqa' Malta.*

*Illum il-gurnata nirrealizza kemm kont zbaljata li dhalt ghal zwieg ghal ragunijiet li ma kellhom xejn x'jaqsmu maz-zwieg. Nifhem li dan kien pass jew ahjar decizjoni immatura immens imma dak iz-zmien hsibt li b'xi mod stajt nghix hajja ta' mizzewga u nahbi dak li kont inhoss ghal shabi. Illum naf li l-hajja mizzewga mhux tajba ghalija u ma tghoddx ghalija. Sfortunatament, biex nirrealizza dan, kelli nizzewweg*".

F'materja ta' qerq fl-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, dawn il-Qrati konsistentement irritenew illi:

"*Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. F'dan il-kaz, il-Qorti tara li l-erba' elementi jissussistu b'mod car.*" ("**Mary Farrugia vs Joseph Farrugia**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-13 ta' Marzu, 1995).

Fil-kaz in ezami ukoll, il-Qorti tqis li l-vot tal-ligi jinsab sodisfatt stante li kull element rikjest jissussisti.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-31 ta' Jannar 1997 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------